**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 157/2017**

**AQ u OQ**

**('l-ilmentaturi')**

**vs**

***GlobalCapital Financial Management Ltd.***

**(C 30053) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-27 ta' Jannar 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn bazikament l-ilmentaturi qed jghidu:**

Illi huma garrbu telf minn erba' investimenti li nbighulhom mill-provditur tas-servizz.

L-investimenti kienu dawn:

i. Il-*PATF TEP NO 2* (*TEP 2*) ghal €31,764.88 li nxtara fis-26 ta' Lulju 2005 u li nbiegh fl-10 ta' Mejju 2010 ghal €25,486.52 b'telf kapitali ta' €6,278.36

ii. It-*TEP 2* ghal £13,000 li nxtara fis-26 ta' Lulju 2005 u nbiegh f'Jannar u Frar 2013 ghal £9,994.93 b'telf kapitali ta' £3,005.07

iii. It-*TEP 2* ghal USD27,763.10 li nxtara fis-26 ta' Lulju 2005 u nbiegh fl-10 ta' Mejju 2010 ghal US$23,704 b'telf kapitali ta' US$4,058.25

iv. *PATF TEP 1* (*TEP 1*) ghal £30,243 li nxtara f'Awwissu 2008 u nbiegh f'Gunju u Lulju 2014 ghal £26,499.88 b'telf kapitali ta' £3,743.12.

Illi l-provditur tas-servizz huwa responsabbli ghal dan it-telf minhabba ksur tal-obbligi fiducjarji tieghu, *misselling,* negligenza grossolana, parir hazin ghaliex il-

prodott ma kienx addattat ghac-cirkostanzi u l-attitudni tar-riskju taghhom, mizrapprezentazzjoni tar-riskju kif ukoll ingann kif ittiehdet id-dokumentazzjoni.

Illi ttiehdet l-*Experienced Declaration Form* tal-ilmentatrici meta lanqas biss kienet prezenti u, ghalhekk, ma setax isir l-assessjar taghha.

Illi meta saru l-ewwel tlett investimenti msemmija dan sar kollox f'siegha u l-provditur tas-servizz ta parir biex isiru investimenti fl-istess prodott kemm fl-iSterlina, kemm fid-Dollaru u kemm fl-Ewro u l-prodott gie deskritt bhala *low risk* u inghata a bazi ta' *advice.*

Illi fir-rigward tar-raba' investiment dan sar fid-9 ta' Lulju 2008 u gie deskritt bhala '*capital growth and low risk'* u nbiegh minghajr spjega ta' xejn u l-bejgh gie ddikjarat bhala '*promote and sell'*. L-ilmentatrici ma kinetx prezenti ghal din il-laqgha u ma sar l-ebda *assessment* u l-ebda *Appropriateness Test* taghha bi ksur tad-Direttiva *MiFID* li digà kienet fis-sehh.

Illi l-ilmentaturi kellhom l-ewwel hjiel ta' inkwiet fis-sena 2009 u, peress li kienu intimaw lill-provditur tas-servizz ghalxejn baghtu att gudizzjarju flimkien ma' ohrajn fit-8 ta' Novembru 2012.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ohrajn imsemmija fl-ilment, l-ilmentaturi qed jitolbu lill-Arbitru kumpens ghat-telf li garrbu kif deskritt aktar 'il fuq.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jidher illi l-ilmentaturi ressqu zewg forom ta' talbiet – wahda ghal rifuzjoni tat-telf allegatament soffert minnhom ta' Euro 6,278.36, Liri Sterlini 6,748.19 u US$4,058.25 (liema ammonti huma ferm ikkontestati) kif imfisser fir-<u>raba' talba</u> fl-ilment, u ohra konsistenti fit-tielet talba fl-istess ilment sabiex is-Sinjorija Tieghu l-Arbitru *'jiddikjara li s-socjetà konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghad-danni u t-telf kollu li garrbu l-ilmentaturi, inkluz in-nuqqas ta' dhul'* liema talba bir-rispett kollu hija inkompatibbli ma' talba ghar-rifuzjoni tal-ammont investit mill-ilmentaturi, u ghalhekk huma konfuzjonarji; illi ghalhekk il-kumulu ta' dawn it-talbiet f'daqqa necessarjament iwassal ghan-nullità tal-ilment;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha, mhuwiex car x'inhu l-ilment imressaq kontra l-eccepjenti – hemm hjiel sia ta' allegazzjoni ta' '*mis-selling*' fit-tieni talba u sia ta' allegazzjoni ta' qerq u ingann (ara pagna 1, punt 2 u pagna 3, punt 8 tal-ilment) [u necessarjament allura vizzju ta' kunsens] – u ghalhekk l-ilmentaturi naqsu milli jfissru b'mod car u sewwa x'inhu l-bazi tal-ilment taghhom u konsegwentement l-ilment taghhom huwa null;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont l-allegazzjoni ta' qerq u ingann sia in kwantu t-tehid ta' firma, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-ilmentaturi qed jallegaw qerq u/jew vizzju tal-kunsens;

6. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi, u hija s-socjetà emmetrici estera li ghandha twiegeb ghat-talbiet tal-ilmentaturi. Ghalhekk l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li hi ma kenitx qieghda tiggestixxi, in kwantu agixxiet biss bhala intermedjarju fil-bejgh tal-investiment bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur;

7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata imxiet fl-ahjar interess tal-klijenti taghha u s-socjetà intimata ma naqsitx mill-obbligi regolatorji applikabbli meta bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) bieghet il-prodotti '*The Protected Asset TEP Fund – GBP*',

‘*The Protected Asset TEP Fund No. 2 – EUR*’, ‘*The Protected Asset TEP Fund No. 2 – GBP*’ u ‘*The Protected Asset TEP Fund No. 2 – USD*’ lill-ilmentaturi kif allegat minnhom;

8. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-tieni (2) talba tal-ilmentaturi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma hux minnu li s-socjetà intimata ma adempjietx l-inkarigu u l-obbligi kontrattwali taghha; is-socjetà intimata ma agixxietx b’nuqqas ta’ sengha u hila, traskuragni u negligenza grossolana kif qed jallegaw l-ilmentaturi; is-socjetà intimata ma wettqet ebda *investment misselling* u tafferma illi fil-mument li l-ilmentaturi akkwistaw l-investiment in kwistjoni, dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjetà intimata minghand l-ilmentaturi stess kellu l-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tas-socjetà intimata jinbiegh lill-ilmentaturi; Illi ghalhekk din it-talba tal-ilmentaturi hija kompletament bla bazi u infondata fil-fatt u fid-dritt;

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet l-ohra tal-ilmentaturi bin-numri tlieta (3) u erbgha (4) huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhix responsabbli versu l-ilmentaturi ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-ilmentaturi, la minhabba xi komportament negligenti, la minhabba xi *‘investment misselling’* u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment tal-ilmentaturi u ghalhekk is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta’ telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-ilmentaturi u t-talbiet fl-ilment tal-ilmentaturi ghandhom jigu respinti; illi inoltre, rigward ir-raba’ (4) talba fl-ilment tal-ilmentaturi, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba taghhom ghall-hlas tas-somom ta’ Euro 6,278.36, Liri Sterlini 6,748.19 u US$4,058.25, (liema ammonti huma ferm ikkontestati) ma tistax tintlaqa’ sakemm l-ilmentaturi ma jipprovawx id-dannu jew telf verament soffert minnhom, li anke jekk ghall-grazzja tal-argument, jirrizulta li l-ilmentaturi garrbu xi telf fuq l-investiment in kwistjoni, b’daqshekk ma jsegwix illi s-socjetà intimata hija responsabbli ghad-dannu jew

telf soffert; Illi l-ilmentaturi jridu jippruvaw li dak ilmentat minnhom kien effettivament il-kawza prossima ghat-telf minnhom allegat u l-oneru tal-prova huwa fuq l-ilmentaturi li jridu jipprovaw sodisfacjentement in-ness kawzali bejn l-ilment dwar is-servizz u d-dannu effettiv;

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet ghall-imghaxijiet fir-raba' (4) u hames (5) talbiet tal-ilment tal-ilmentaturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; Illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas id-dhul jew tkabbir kapitali ma kienu garantiti mis-socjetà intimata, jigi sottomess illi l-ilmentaturi ghamlu l-investiment *de quo* fl-2005 u wiehed fis-sena 2008 u jigifieri ftit snin biss qabel l-akbar krizi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn. Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentaturi ma jistghux jassumu illi kieku investew flushom f'investiment iehor il-kapital taghhom kien ser jibqa' shih u/jew li kienu ser jaghmlu xi dhul mill-investiment taghhom; Illi ghalhekk qed jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li setghu garrbu l-ilmentaturi huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-andament tas-swieq finanzjarji u tal-krizi finanzjarja dinjija;

11. Illi b'rizultat tal-eccezzjonijiet surriferiti, is-sitt (6) talba ghall-ispejjez legali hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu sopportati mill-ilmentaturi.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet Preliminari:***

L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-ilment huwa null peress li hemm kontradizzjoni fit-talbiet peress li l-ewwel jintalab rifuzjoni ghat-telf f'ammonti specifici u wara jintalab ukoll mhux biss il-kapital mitluf imma wkoll in-nuqqas ta' dhul.

L-Arbitru jhoss li din l-eccezzjoni hija wahda fiergha. Mhux biss ghaliex kif kellu jkun jaf sew il-provditur tas-servizz, f'din il-procedura quddiem l-Arbitru, skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta m'hemm kontemplat l-ebda nullità imma anke fuq kriterji stabbiliti mill-Qrati taghna a bazi tal-Kap. 12, in-nullità hija haga rari biex tintlaqa' ghaliex irid ikun ipprovat li l-parti l-ohra tkun ser issofri xi pregudizzju jew tali nullità tkun sanzjonata espressament bil-ligi. Dan anke qabel ir-riforma fl-istess Kodici li saret fl-1995 li kompliet tillimita kazi ta' nullità.

Imma, barra minn hekk, it-talbiet huma cari fis-sens li minhabba l-agir tal-provditur tas-servizz, l-ilmentaturi garrbu telf fl-investimenti taghhom u specifikaw kemm huwa dan it-telf. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed titqies bhala wahda fiergha u qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni dwar l-allegat nuqqas ta' carezza ta' dak mitlub, din qed tigi michuda ghall-istess ragunijiet tal-ewwel eccezzjoni peress li l-ilment huwa car u l-ilmentaturi qed jaghtu diversi ragunijiet li huma jhossu huma l-bazi tan-nuqqasijiet tal-provditur tas-servizz.

*Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni*

It-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet huma kollha dwar preskrizzjoni a bazi tal-Artikoli 2153, 2156(f) u 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, l-Arbitru kellu diversi okkazjonijiet, anke f'decizjonijiet precedenti kontra l-istess provditur tas-servizz, fejn wasal ghall-konkluzjoni li l-ilment m'huwiex ibbazat fuq htija akkwiljana u, anke f'dan il-kaz, huwa manifestament iddikjarat li qed jimmira ghal nuqqasijiet f'obbligazzjonijiet ta' natura kuntrattwali.

Kif gie ritenut mill-Qrati taghna, l-Artikolu 2153 jittratta dwar danni akkwiljani.

Fil-kawza ***Go p.l.c. vs Charles Dimech,***[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

---

[1] PA, 28 ta' Lulju 2011

*'Il-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma "ex delictu vel quasi". Meta d-danni huma "ex contractu" ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

Barra minn hekk, fil-kawza ***Avv. Dr. Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et*** intqal:[2]

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953 Vol XXXVII.ii.622)."'*

Recentament f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Miriam Fenech Russell et vs GlobalCapital Finanial Management Ltd,*** **deciza fit-12 ta' Novembru 2019,** l-istess Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'dawn ic-cirkostanzi fejn kienet tezisti rabta kuntrattwali, l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 ma japplikax.

It-talba hija bazikament dwar danni kuntrattwali u, ghalhekk, il-preskrizzjoni a bazi ta' dan l-artikolu ma tistax tirnexxi u qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra dwar preskrizzjoni li hija bbazata fuq l-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16, f'dan il-kaz ma tapplikax ghaliex l-ilmentaturi m'humiex jitolbu xi rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Qabel xejn, l-Arbitru jinnota li r-risposta giet intavolata fl-4 ta' Dicembru 2017, u sa dakinhar kienu digà fis-sehh l-emendi fil-Kodici Civili dwar il-preskrizzjoni.

Fil-fatt, l-emendi relevanti dahlu fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017.

L-Artikolu relevanti f'dan il-kuntest huwa l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 li jipprovdi:

[2] PA, 7 t'Ottubru 2016

‘2160 (1) *Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom***, ma jaghtux gurament minn jeddhom*** *waqt il-kawza* ***li mhumiex debituri,*** *jew li* ***ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.'***[3]

Il-Qrati taghna spjegaw sew kif kellu jimxi min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wara t-13 ta' Jannar 2017, meta dahlu dawn l-emendi fil-Kodici Civili.

Fil-kawza fl-ismijiet: ***Bottega Del Marmista Ltd - vs - Paul Mifsud pro et*** **tas-26 ta' Jannar 2018,** il-Qorti tal-Appell, fost affarijiet ohra, qalet:

‘*Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjetà attrici (fol. 38 u 39). Però dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehedu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju.*

*Il-Qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibiltà lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra.'*

Imbaghad, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet: ***P&S Ltd et vs Noel Zammit et*** **deciza fis-16 ta' Jannar 2018,** tispjega li l-gurament li jrid jiehu l-konvenut **minn jeddu** jrid ikun ukoll ritwalment skont il-formula kif stabbilita fl-Artikolu 2160, u jekk din ir-ritwalità ma tigix osservata ghalhekk il-gurament ma jghoddx u l-konvenut ma jkunx jista' jibbenefika mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li jkun ta.

[3] Enfasi tal-Arbitru

Il-Qorti qalet hekk:

*'Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. Il-Konvenut imkien ma jghid, l-anqas in kontro ezami, testwalment, dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili.*

*F'dan ir-rigward gie affermat fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet* ***Tabib Principal tal-Gvern - vs - Georgina Muscat tat-8 ta' Marzu 1978****:*

*"Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili" 22. Huwa minnu li dan il-bran intqal fid-dawl tal-ligi kif kienet. Izda huwa minnu ukoll, li fil-ligi kif inhi llum, il-formula baqghet hemm u inalterabbli'.*

Fil-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru, il-konvenut m'ghamilx dak mitlub minnu fl-Artikolu 2160 kif spjegat fis-sentenzi 'l fuq imsemmija u, ghalhekk, ma jistax jibbenefika mill-eccezzjonijiet tieghu tal-preskrizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjonijiet kollha dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

***Legittimu Kontradittur***

Il-provditur jeccepixxi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur imma hija l-kumpanija emmettrici tal-prodott li ghandha twiegeb ghall-ilment.

Jirrizulta kemm mill-atti kif ukoll mix-xhieda li l-provditur tas-servizz ta l-parir u kien hu li biegh il-prodott in kwistjoni. L-ilmentaturi m'humiex jallegaw li l-provditur tas-servizz ma ggestiex tajjeb il-prodott imma li tahom parir u bieghilhom prodott li ma kienx addattat ghalihom u qed jilmentaw biss dwar il-parir u l-mod li bih inbieghilhom il-prodott.

Il-provditur tas-servizz u l-ilmentaturi kellhom bejniethom relazzjoni kuntrattwali u nholqot relazzjoni guridika bejniethom. Ghalhekk il-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[4]**

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

L-ilmentatur jghid fl-*affidavit* tieghu[5] li huwa kien haddiem mas-Servizzi Inglizi u wara hadem mal-___ fil-*maintenance;* u meta sar l-investiment fit-*TEP Fund* kienu digà pensjonanti u kienu jistriehu fuq il-pensjoni kontributorja u pensjoni ohra zghira tas-Servizzi Inglizi.

Jghid li ghalkemm il-*GlobalCapital* kienu investewlhom flus f'xi investimenti ohra, huma ma kellhom l-ebda investiment jixbah lit-*TEP Fund.*

Qed jaghmlu l-ilment ghax tilfu ammont kbir ta' flus bhala kapital u anke flus minn dhul. Wara jelenka l-ammonti li tilef kemm fuq it-*TEP1* u anke fuq it-*TEP2.*

Jghid li huma kienu investew f'dan il-prodott l-ewwel permezz ta' Lorraine Falzon li kienet rapprezentanta tal-*GlobalCapital* u, imbaghad, permezz ta' Joseph Lautier.

Qalulhom biex jiffirmaw *Experienced Investor Declaration* u Lorraine Falzon ghamlitlu salib fejn kellha tiffirma l-mara. Kollox kien sar f'darba f'laqgha ta' siegha u kienet qaltlu li t-*TEP 2* kellu riskju baxx kif kien ir-riskju tieghu. Kienet Lorraine Falzon li qaltlu biex jixtri t-*TEP 2* bicca fl-Ewro, bicca fl-iSterlina u bicca fid-Dollaru Amerikan.

Meta sar ir-raba' investiment, Joseph Lautier qallu li l-investiment kien *low risk* u *b'capital growth*. Ma tawhx kopja ta' dak li ffirma. Ma qalulux x'tip ta' servizz kienu qed joffrulu izda, wara snin, il-*financial adviser* tieghu kien qallu li l-prodott kien inbiegh taht ir-regim ta' *promote and sell*, li hu ma kienx jaf biha u lanqas

---

[4] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[5] *A Fol.* 341

kien jaf xi tfisser. Hu kien imur ghandhom ghall-pariri u mhux biex jixtri taht '*promote and sell'.*

Saru jafu bl-inkwiet fl-investimenti f'Ottubru 2009, u hallew ftit zmien jghaddi izda meta raw li l-investiment kien sejjer hazin iddecidew li jbieghu f'Mejju 2010 kemm fl-Ewro kif ukoll fid-Dollaru u zammew iz-zewg investimenti l-ohra, izda, peress li t-telf baqa', fl-2013 u fl-2014 bieghu it-tnejn l-ohra u b'kollox garrbu telf fuq il-kapital u ma dahhlu l-ebda imghax.

Huma lmentaw mal-*GlobalCapital* u l-*GlobalCapital* irrispondewhom f'Awwissu 2012 fejn qalulhom li kienu qed jinvestigaw izda qatt ma semghu minghandhom.

Huma veru iffirmaw diversi dokumenti izda hadd qatt ma fehemhomlhom u qalulhom biss fejn jiffirmaw u lanqas biss qatt tawhom kopja taghhom hlief wara snin meta beda jinqala' l-inkwiet. F'Novembru 2014, permezz tal-*MFSA*, irnexxielhom igibu d-dokumenti l-ohra.

L-ilmentatrici ikkonfermat dak li xehed zewgha u qalet li hi qatt ma kienet tkun involuta f'dawn it-tranzazzjonijiet u kienet tiffirma fejn kienu jindikawlha permezz ta' salib ir-rapprezentanti tal-provditur tas-servizz li kienu jibghatulha l-karti ma' zewgha u, ghalkemm gieli marret mieghu, jew kienet tibqa' fil-karozza jew fil-*waiting room.*

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Ghall-provditur tas-servizz xehed biss **Michael Schembri** mill-*file* ghaliex hu ma kienx involut f'dawn it-tranzazzjonijiet. Ghar-ragunijiet tieghu, il-provditur tas-servizz ma ressaqx ix-xhieda ta' Lorraine Falzon u Joseph Lautier li kienu huma l-persuni involuti fil-bejgh ta' dawn l-investimenti.

Michael Schembri xehed li il-prodotti li dwarhom qed isir l-ilment inbieghu mill-provditur tas-servizz bhala intermedjarju li rcieva l-ordnijiet minghand il-klijent.

Jghid li l-*File Note* kienet xhieda ta' dak li gara meta inghata s-servizz u din kienet fi *standard form* kif anke permess mill-*MFSA.* Jghid li l-ilmentaturi kienu digà midhla tad-dinja tal-investiment, u kien ilhom jinvestu sa mill-1998, u jsemmi l-

investimenti li skont hu kienu ghamlu; u l-investimenti li jsemmi kienu saru qabel l-investiment fit-*TEPs,* inkluz investiment ta' riskju gholi, u anke wara li fdew it-*TEP* baqghu imorru ghand il-provditur tas-servizz biex jinvestu.

L-ebda investiment li kellhom ma kellu il-kapital garantit. Jghid li l-ilmentaturi kienu jafu li t-*TEPs* kellhom element ta' riskju u l-fatt li fil-*File Notes* hemm li ghandhom riskju ta' '*medium to cautious'* ifisser li kienu disposti jaccettaw element ta' riskju.

Mill-*File Notes* jirrizulta li l-ilmentaturi gew offruti diversi prodotti ohra. Gew spjegati id-dettalji tal-prodott li huma indikaw li fehmu. Kienu wkoll iffirmaw dikjarazzjoni li huma kienu '*experienced investors'*.

Il-fidi tal-investiment fl-*Euro* sar ezatt f'April 2010, ezatt wara l-krizi finanzjarja u, peress li fdew l-investiment fi zmien hazin, li kieku kellhom jifdu llum ma kinux isostnu dan it-telf. L-istess jinghad dwar it-*TEPs* f'Liri Sterlini. L-istess, imbaghad, ghaz-zewg investimenti ohra. Kien hemm ukoll hlasijiet ghaliex kien hemm *redemption gates* u *redemption penalty*.

Mill-2012 l-investimenti bdew jirkupraw, kif juru mir-rikavat li dahhlu fis-sena 2014, u ma hadux imghaxijiet ghaliex dan l-investiment kien jaghti *capital growth* li gie indikat fil-*File Notes* iffirmati minnhom. Dan kien *accumulator fund.* Il-klijenti kienu accettaw il-kontenut tad-dokumenti u ffirmaw ghalihom.

**IT-*TEP FUND***

Il-*Protected Asset TEP Fund No 2 (TEP 2)* huwa fond ta' investiment kollettiv li jinvesti f'firxa ta' poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja. Skont id-dokument imsejjah *Scheme Particulars,* dan l-investiment kien stabbilit fis-sena 2000 f'*Isle of Man*. Peress li kien investiment intenzjonat ghal tip partikolari ta' investituri (*Experienced Investors),* kien ezentat minn certu obbligi regolatorji li normalment huma assocjati ma' fondi ghal konsumaturi *retail*.

Skont dan id-dokument, il-'*PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through an investment in diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs").'*

Mid-dokument esebit[6] mill-ilmentaturi, jirrizulta li dan il-prodott kien intenzjonat ghal '*experienced investors'*.

Fl-introduzzjoni ta' dan id-dokument insibu:

---

[6] *A Fol.* 152 *et seq*

*'The Protected Asset TEP Fund Plc is an open-ended investment company and was incorporated as a public limited company in the Isle of Man with number 101651C on 12th December 2000 with unlimited duration under the Companies Acts 1931 to 1993 of the Isle of Man. PATF is not and need not be an authorised person for the purposes of the Isle of Man Financial Supervision Act 1988.*

***PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through investment in a diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs").***

*Abacus Financial Services Limited will administer PATF, with custodian services being provided by a company which is a member of The Royal Bank of Scotland Group. PATF aims to have the lowest running costs of any existing TEP fund. It should be noted that three of the sub-funds of PATF, The Protected Asset TEP Fund No.2, The Protected Asset TEP Fund Dollar No.2 and The Protected Asset TEP Fund Euro No.2, are subject to certain charges to which the other sub-funds of PATF are not.*

*To ensure cost effective and efficient investment, PATF has arranged to purchase appropriate policies through T.I.S. Group Limited and Absolute Assigned Policies Limited, one of the oldest and largest market makers in TEPs.*

***PATF has been established to enable experienced investors (experienced investors:- "persons who, in relation to any experienced investor fund, are sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund") to invest in the well established traded endowment market efficiently and simply**.'*

Hija din id-definizzjoni li kellha tapplika biex jitqies jekk investitur kienx '*experienced investor*' jew le ghax wiehed irid jara lejn min kien qed jindirizza l-prodott min holqu u ghal min kien addattat skont il-kriterji tieghu.

Ghalhekk, bilfors li l-Arbitru jrid jara jekk l-ilmentaturi, dejjem skont id-definizzjoni ta' *experienced investor* kif dettata minn min holoq il-prodott, kinux '***sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund'.***

Wara li l-provditur tas-servizz biegh lill-ilmentaturi tliet prodotti fl-istess *TEP Fund,* rega' bieghilhom investiment fit-*TEP 1* fl-2008, jigifieri erba' investimenti fl-istess *TEP Fund.*

Biex l-Arbitru ma joqghodx jirrepeti ruhu, dak li bazikament intqal dwar ir-riskji dwar it-*TEP 2* japplika ghat-*TEP 1,* li wkoll, kif jidher anke minn DOC Qi, kien '*An Open-Ended Fund for Experienced Investors.'*[7]

Fl-ahhar pagna[8] fil-kitba zghira fil-qiegh tal-pagna hemm din is-sentenza:

'*Any investor into the Fund must be an Experienced Investor and, prior to investment, must have signed a statement acknowledging that they are an Experienced Investor and that they have read and understood the Scheme Particulars and accept the risks associated with such an investment.'*

Dan kollu juri li kemm it-*TEP 1* kif ukoll it-*TEP 2* kienu intenzjonati ghall-investituri ta' esperjenza li setghu jifhmu kif kien jahdem dan l-investiment.

***Il-Profil tal-Ilmentaturi***

Kif digà intqal, meta sar l-investiment l-ilmentaturi kienu iritirati mix-xoghol u d-dhul ewlieni taghhom kien mill-pensjoni tas-Sigurtà Nazzjonali. L-ilmentatur kien bniedem tekniku jahdem fl-elettriku, u sakemm izzewget, l-ilmentatrici kienet ghalliema fi skola primarja bi skola ta' livell ordinarju (*O Level*). Hadd minnhom ma kellu esperjenza fil-qasam tal-investimenti fis-servizzi finanzjarji.

Ghalkemm il-provditur tas-servizz kien digà ghamlilhom xi investimenti hu stess, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, Michael Schembri, xehed li:

'*… mill-informazzjoni li ghandi hawn, ma jidhirx li kienu qatt investew f'asset backed securities'.* [9]

Jghid ukoll li l-investimenti, minn DOK MS6 sa DOK MS 12, saru **wara** l-prodotti li qed isir l-ilment dwarhom.

---

[7] *A Fol.* 147
[8] *A Fol.* 151
[9] *A Fol.* 674

L-Arbitru ra x'kellhom l-ilmentaturi qabel ma investew l-ewwel darba fit-*TEP Fund* u jirrizultalu li kellhom biss *funds* li ma kinux ikkumplikati bhalma kienu it-*TEP 2* u t-*TEP 1.*

Barra minn hekk, dawn il-prodotti kienu inxtraw dejjem fuq il-parir tal-istess provditur tas-servizz u, ghalhekk, ma jistax jitqies li l-ilmentaturi kellhom dik l-esperjenza mehtiega biex jifhmu r-riskji tat-*TEP Fund.*

**Kif inbieghu it-*TEP 2* u t-*TEP 1* lill-Ilmentaturi u jekk kinux '*suitable'* jew '*appropriate'* ghalihom**

Dwar kif inbieghu dawn il-prodotti u kif inghata parir dwarhom, l-Arbitru ghandu biss il-verzjoni tal-ilmentaturi ghaliex Lorraine Falzon u Joseph Lautier, li bieghulhom dawn il-prodotti, ma tressqux bhala xhieda mill-provditur tas-servizz. L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz kien Michael Schembri li ma kienx prezenti waqt il-bejgh.

L-ilmentaturi xehdu li Lorraine Falzon bieghitilhom it-TEP 2 fi tlett investimenti: fl-iSterlina, fid-Dollaru Amerikan u fl-Ewro. F'laqgha li damet xi siegha serrhet mohh l-ilmentatur (ghaliex l-ilmentatrici ma kinetx prezenti) li t-*TEP 2* kien ta' riskju baxx kif kien ir-riskju tieghu, jigifieri, *cautious.*[10]

*'Kienet Lorraine Falzon li qaltli biex nixtri l-PATF TEP 2 bicca fl-ewro, bicca fl-isterlina u bicca fid-Dollaru Amerikan.*

*Fir-rigward tar-raba' investiment fil PATF (TEP 1) dan kien rakkomandat minn Joseph Lautier. Din id-darba dan Joseph Lautier rega' qalli li l-PATF kien prodott li jaghti capital growth and low risk izda ma qalli xejn aktar.'*[11]

L-ilmentatur jghid li kemm Lorraine Falzon kif ukoll Joseph Lautier kienu tawh il-karti biex tiffirmahom martu ghaliex hija ma kinetx prezenti minkejja li l-investiment kien ser isir f'isimha wkoll.

L-Arbitru ghandu riservi kbar dwar din il-kondotta tal-provditur tas-servizz li suppost ghamel '*Suitability*' jew '*Appropriateness Test',* anke tal-ilmentatrici la l-investiment kien ser isir f'isimha wkoll.

[10] *A Fol.* 342
[11] *Ibid.*

Din il-verzjoni tal-ilmentaturi mhix kontradetta mill-provditur tas-servizz u, ghalhekk, l-Arbitru ser joqghod fuqha.

L-ewwel investiment sar fuq bazi ta' parir u dan kif ikkonferma Michael Schembri fil-kontroezami tieghu.[12]

Dak iz-zmien ma kinetx dahlet fis-sehh id-Direttiva *MiFID* izda xorta wahda kienu jezistu regoli[13] mahrugin mill-*MFSA* ta' kif kellha tkun il-kondotta ta' provditur tas-servizz licenzjat minnha waqt li jkun qed ibiegh prodotti finanzjarji jew jaghti parir dwarhom.

Fost affarijiet ohra, dawn ir-regoli kienu jobbligaw lill-provditur tas-servizz jara li:

*'3.03 c.- Except when acting on an execution only basis, the Licence Holder must take adequate steps to discover the personal and financial circumstances of:*

- *a Private Customer before making any recommendation as to the suitability of a transaction or service; or*

- *a Private Customer or a non-Private Customer before processing a discretionary transaction on his behalf;*

*When providing investment advice or portfolio management services, the Licence Holder must pay due regard to the customer's profile as detailed in the Client Fact Find drawn up in accordance with SLC 3.04, in order* ***to ensure that the advice or portfolio management service provided is appropriate and suitable given the customer's particular circumstances.'***[14]

Barra minn hekk:

*'3.03 e: taking all reasonable steps to ensure that transactions are suitable for a customer, bearing in mind his objectives;*

[12] *A Fol.* 675

[13] *Investment Services Guidelines-Standard Licence Conditions.* Skont l-Art. 19(3)(c) tal-Kap. 555, dawn il-*guidelines* huma wkoll font normattiv li jiggwida lill-Arbitru fid-decizjoni tieghu.

[14] Enfasi tal-Arbitru

*3.03 g: taking all reasonable steps to ensure that a Private Customer has sufficient information which he is able to understand to enable him to take informed investment decisions'.*

Ghalhekk il-provditur tas-servizz, fl-ewwel bejgh ried jizgura li l-parir li jaghti kellu jkun '*suitable'* ghall-klijent.

Fil-kaz tat-tieni bejgh tat-*TEP 1* li sar fl-2008, f'dak iz-zmien kienu digà dahlu r-regoli tal-*MiFID* jew l-*Investment Services Rules - Standard Licence Conditions* (*SLC*) mahrugin mill-*MFSA* li kienu jorbtu lill-provditur tas-servizz li jara li f'kaz ta' '*promote and sell'* il-prodott ikun '*appropriate*' ghall-klijent.

Fil-fatt, Regola 2.21 tghid:

'*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded.*'

Ghalhekk il-provditur tas-servizz kellu jara jekk it-*TEP 2* kienx '*appropriate and suitable*' ghall-ilmentaturi filwaqt li kellu jizgura li dan kien ikun konformi mal-oggettiv tal-investiment li kellu l-klijent.

Huwa car li t-*TEP 2* ma kienx prodott *'low risk'* kif riedu l-ilmentaturi li kienu *'cautious'*. Min hareg il-prodott ghamilha cara li biex wiehed jinvesti ried ikun *experienced investor* fis-sens li kellhom ikunu '***sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment*** ***<u>in that fund'.</u>***

Jekk wiehed ihares biss lejn l-i*Scheme Particulars* mill-ewwel jinduna li l-ilmentaturi ma setghux jifhmu l-lingwagg uzat u wkoll kif jahdem prodott li kellu l-kumplikazzjonijiet tieghu biex tifhmu. Ghalhekk ma setghux jifhmu r-riskji marbuta mieghu. Tant hu hekk, li min hareg il-prodott ried li jkollu dikjarazzjoni fejn tindika li min jinvesti jkun '*experienced investor'* skont id-definizzjoni li hareg hu u li giet ikkwotata aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

Kien proprju ghalhekk li l-provditur tas-servizz ha minghand l-ilmentaturi l-*Experienced Declaration Form* biex ikun jista' jinvestilhom fil-fond. Imma, kif

xehed l-ilmentatur, din lanqas biss giet spjegata lilu, hija fi *standard form* u mhix ghajr dokument ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz.

Il-kriterju li intaghzel f'din id-dikjarazzjoni kien dan:

*'A person who has reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature or risk profile …'.*

Mil-lista tal-investimenti li kellhom l-ilmentaturi ebda wiehed mill-fondi li kellhomi qabel ma investew fil-*PATF 2* ma kien jilhaq dawn il-kriterji.

Il-fatt li l-ilmentaturi ffirmaw din id-dikjarazzjoni moghtija lilhom mill-provditur tas-servizz, li lanqas giet moqrija lilhom, b'daqshekk ma taghmilhomx *Experienced Investors* skont id-definizzjoni tal-i*Scheme Particulars* jew taghmilhom tali li setghu jifhmu r-riskji marbuta mal-investiment.

Ghalhekk jidher car li t-*TEP 2* ma kienx *appropriate* jew *suitable* ghall-ilmentaturi.

L-istess jista' jinghad ghall-bejgh tat-*TEP 1* li sar fl-2008. Kif inghad, skont ir-regoli vigenti u b'mod specifiku Regola 2.21 tal-*SLC,* l-ilmentaturi riedu jkunu tali li kellhom '*the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved* ***in relation to the product'****.*[15]

L-ilmentaturi ma kellhomx dak il-livell ta' edukazzjoni u gharfien fil-qasam tas-servizzi finanzjarji li seta' jaghmilhom kapaci jifhmu l-lingwagg tekniku li kien fiha l-letteratura li kienet tippromwovi l-prodott fil-kaz tat-*TEP 2* u wkoll fil-kaz tat-*TEP 1*. Min hareg il-prodott ghamilha cara li l-*Fact Sheet* li kien hareg kienet intenzjonata ghall-*Professional Investors*. Din hija prova cara li dik il-letteratura kienet intenzjonata ghal min verament kien *Experienced Investor* u li kien professjonali f'dak il-qasam.

Kemm jekk jittiehed il-profil tal-ilmentaturi u kemm jekk wiehed jara x'setghu jifhmu waqt il-bejgh tal-prodott, kif ukoll l-istadju ta' hajja li kienu waslu fiha, (irtirati u pensjonanti) ghandu jirrizulta li t-*TEP 2* u t-*TEP 1,* la setghu jinbieghu lilhom u lanqas kienu ***suitable*** jew ***appropriate*** ghalihom.

[15] Enfasi tal-Arbitru

B'hekk sar bejgh hazin tal-prodott.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz, meta ha l-*Experienced Declaration Form* minghand l-ilmentaturi, li lanqas giet spjegata lilhom, kif ukoll meta bieghilhom dawn il-prodotti, ma kienx qed ihares lejn l-interessi tal-klijenti kif kien obbligat li jaghmel kemm b'regola 3.02 tal-*guidelines*[16] u kemm regola 2.01 tal-*SLC,*[17] izda kien qed ihares lejn l-interessi tieghu bhala bejjiegh tal-istess prodotti.

Dwar dak li qal il-provditur tas-servizz, li l-ilmentaturi ma messhomx bieghu l-investimenti ghaliex *illum* il-prodott tela' fil-valur, l-Arbitru jqis li din id-dikjarazzjoni qed issir ***with hindsight*** u mhix relevanti ghall-kaz ghaliex l-ilment huwa relatat ma' *misselling* ta' prodotti fejn l-analizi li trid issir trid tkun inkwadrata fuq x'sehh waqt il-bejgh u kif ikun sar tali bejgh. Jekk il-bejgh ikun sar hazin ma jistax jigi sanat ghaliex wara xi hmistax-il sena mill-bejgh il-prodott ikun ghola fil-valur.

Fid-data tal-bejgh tal-ewwel investimenti fl-2010, il-prodott kien nizel fil-valur u ghalkemm kien irkupra xi ftit wara d-daqqa kbira li kien ha fl-2008, sal-lum il-gurnata l-investiment qatt ma lahaq il-prezz ta' kemm kien inxtara. Barra minn hekk, l-ilmentaturi kienu kawti u ma bieghux kollox f'daqqa ghax il-bejgh tal-2013 u l-2014 sar wara li l-ilmentaturi kienu kitbu lill-provditur tas-servizz juru l-pre-okkupazzjoni taghhom dwar il-prodott; u l-provditur tas-servizz, wara li kien qalilhom li kien ser jinvestiga, baqa' ma qalilhomx x'kien investiga, jekk kien ghamel hekk.

Ghalhekk, issa l-provditur tas-servizz ma jistax jitfa' l-htija fuq haddiehor. Irid jitqies ukoll li hadd mhu obbligat li jzomm l-investiment ghal dejjem jew li joqghod jistenna xi hmistax-il sena forsi l-valur tal-prodott jizdied. Dwar dak li ntqal li l-prodott mar hazin minhabba l-krizi finanzjarja, ma ngabet l-ebda evidenza konkreta dwar dan.

[16] 3.02 *'The Licence Holder shall act honestly, fairly and with integrity - in the best interests of its customers and of the market'*
[17] *'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients'*

Anke kieku kien il-kaz, dan huwa irrelevanti ghall-ilment odjern li huwa wiehed bazikament dwar *misselling* ta' prodott u mhux dwar il-gestjoni tal-istess prodott.

Barra minn hekk, dan il-bejgh ma kienx jissodisfa '***l-aspettativi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur'***[18] fil-mument tal-bejgh meta l-ilmentaturi riedu prodotti b'riskju baxx u li ma jitilfux flushom.

Il-provditur tas-servizz wera wkoll nuqqas ta' professjonalità meta investilhom tliet darbiet fl-istess investiment li nvestew fih l-ewwel darba, u rega' investielhom **ghar-raba' darba** fl-istess prodott minghajr ma ndenja ruhu jferrex ir-riskju fuq prodotti diversi kif provditur tas-servizz professjonali kellu jaghmel. B'hekk zied ir-riskju lill-ilmentaturi li fdaw fih.

Dan wera wkoll nuqqas ta' diligenza u, peress li kienet tezisti relazzjoni fiducjarja bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz, dan kellu jagixxi ta' *bonus paterfamilias* u, fuq kollox, juza dik id-diligenza mistennija minnu.

**Ghal dawn il-motivi l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

L-Arbitru jqis li dan il-kaz huwa differenti mill-Kaz Nru. 379/2016 fl-ismijiet: *Twannie u Maria Concetta Azzopardi vs GlobalCapital Financial Management Ltd* deciz mill-Qorti tal-Appell fil-21 t'Ottubru 2019, u l-Kaz Nru. 414/2016 fl-ismijiet: *Alfred Azzopardi vs GlobalCapital Financial Mangement Ltd* deciz ukoll fil-21 t'Ottubru 2019, ghaliex f'dawk il-kazijiet l-ilmentaturi kien ghadhom investiti fih meta ghamlu l-ilment u, ghalhekk, il-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-kumpens ghandu jinhadem fuq id-differenza bejn il-kapital investit u l-valur tal-investiment fid-data tad-decizjoni tal-Arbitru.

Dan il-kaz huwa differenti ghaliex l-investimenti inbieghu u gie realizzat telf li huwa definit.

**Ghalhekk l-Arbitru ser jaghti dak it-telf soffert mill-ilmentaturi kif gej:**

[18] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

1. **Il-*PATF TEP NO 2* li nxtara bil-prezz ta' €31,764.88, l-ilmentaturi dahhlu minnu s-somma ta' €25,486.52[19] u, ghalhekk, it-telf kien ta' €6,278.36.**
2. **Il-*PATF NO 2* li inxtara bil-prezz ta' £13,000, l-ilmentaturi dahhlu minnu £9,994.93 u, ghalhekk, tilfu s-somma ta' £3,005.07.[20]**
3. **Il-*PATF TEP NO 2* li nxtara bil-prezz ta' US$27,763.10, l-ilmentaturi dahhlu s-somma ta' US$23,704.85 u, ghalhekk, tilfu US$4,058.25.[21]**
4. **Il-*PATF TEP NO 1* li nxtara bil-prezz ta' £30,243 l-ilmentaturi dahhlu minnu £26,499.88 u, ghalhekk, tilfu £3,743.12.[22]**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd* thallas lill-ilmentaturi l-ammonti ta' €6,278.36, £3,005.07, US$4,058.25, u ta' £3,743.12, kif 'il fuq imsemmi; jew l-ekwivalenti taghhom fl-Ewro, fejn hu applikabbli, skont l-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555. F'dawn il-kalkoli l-Arbitru qies li r-*redemption penalties* ghandhom ukoll jithallsu mill-provditur tas-servizz ghaliex dawn kienu parti mit-telf li sofrew l-ilmentaturi minhabba l-*misselling* tal-prodott.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[19] *A Fol.* 32-33
[20] *A Fol.* 34-36
[21] *A Fol.* 37-38
[22] *A Fol.* 39-41